MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 105/2009

**Henry u Maria Annunziata
konjugi Depasquale**

**vs**

**Publishers Enterprises
Group (PEG) Ltd (C-6404)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u tlieta u disghin Ewro (€6,993), li precedentement kienu ekwivalenti ghall-tlett elef Lira Maltin (LM3,000) import ta’ tlett kambjali mahruga u maturati pero’ mhux onorati li qed jigu esebiti bhala Dok K1, K2 u K3;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ mandat ta’ Qbid kawtelatorju u l-imghax kummercjali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex is-socjeta’ intimate twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-20 ta’ Mejju tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas is-somma ta’ sitt elef disa’ mija u tlieta u disghin Ewro (€6,993) lir-rikorrenti Henry u Maria Annunziata konjugi Depasquale;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra s-socjeta’ intimata Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------